**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Dr. Joseph Ellis LL.D. ta' 38 sena, iben il-mejjet Richard u Rita xebba Camilleri li joqghod 4, Triq Pompei, Rabat, Ghawdex. Karta ta' l-identita' numru 21763(G)**

Illum 13 ta' Marzu 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar is-16 ta' Settembru, 2001 ghall-habta tat-3.15a.m., bhala l-persuna li f'ismu ghandu licenzja tal-Pulizija tal-hanut 'Southern Fried Chicken' li jinsab fi Triq ir-Rabat, Xlendi, haddem jew ippermetta li jithaddmu muturi ta' l-elettriku f'dan l-istabbiliment li dejjqu lil Joseph Caruana u bin-negozju gol-hanut gew ikkagunati rwejjah li wkoll dejjqu lill-girien.

Semghet il-provi;

Stante li l-imputat wera illi huwa ma ghandux il-kuntratt effettiv tas-sit de quo li kien mikri lil certu Nicholas Kaye, stante ukoll illi l-imputat minkejja dan, ghamel min kollox biex ma jinholoqx inkonvenjent ma ssibux hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur